Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 431/2010

**A B**

***versus***

**E A A**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl-20 ta’ Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005), gewwa s-Civilian Registry Office, Volzhsky, Volgogradsky, Russja, liema zwieg gie sussegwenetment registrat gewwa Malta, kif jirrisulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok ‘A’; u

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti ma kellhomx tfal;

3. Illi l-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga, ai termini tal-Artikolu 19(1)(c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u

5. Illi oltre dan, l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab ghalhekk li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ccelebrat fl-20 ta' Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005), gewwa s-Civilian Registry Office, Volzhsky, Volgogradsky, Russja, liema zwieg gie sussegwenetment registrat gewwa Malta, null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi preliminarjament jigi rilevat illi l-esponenti ma tifhimx bil-lingwa Maltija stante n-nazzjonalita' taghha, izda tifhem bil-lingwa Ingliza;

2. Illi kontestwalment ma' din ir-risposta, qieghda tigi pprezentata risposta bil-lingwa Ingliza;

3. Illi ghaldaqstant, ai termini tal-ligi, l-esponenti titlob li din l-Onorabbli Qorti sabiex il-proceduri odjerni jsiru bil-lingwa Ingliza;

4. Illi fir-rigward ta' dak premess mir-rikorrenti fir-rikors guramentat tieghu, l-esponenti taqbel illi z-zwieg kontrattat bejnha u bejn zewgha A B fl-20 ta' Awwissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) gewwa r-Russja [liema zwieg gie sussegwentment registrat gewwa Malta] ghandu jigi dikjarat null izda dan ghal-ragunijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi l-kunsens tal-intimata inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tar-rikorrenti li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewwga, ai termini tal-Artikolu 19(1)(c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null stante li l-kunsens tar-rikorrenti kien vvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, iz-zwieg huwa null stante li r- rikorrent eskluda b'att posittiv tal-volonta` tieghu z-zwieg innifsu, jew xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi ghalhekk iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti huwa null u minghajr effett fil-ligi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi minkejja il-fatt illi l-konvenuta talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex dawn il-proceduri isiru fil-lingwa Ingliza, l-avukat difensur taghha tratta din il-kawza bil-lingwa Maltija u l-attrici stess ipprezentat in-nota ta’ sottomissjonijiet taghha fil-lingwa Maltija;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xhieda prodotti illi l-attur beda relazzjoni mal-konvenuta illi hi ta’ nazzjonalita Russa, izda f’mohhu kellu biss illi jibqa jghix hajja ta’ guvni minghajr irbit, izda ikollu relazzjoni sesswali mal-konvenuta illi ma kienitx tghix Malta permanentement, izda kienet tigi Malta ghall-vaganzi u b’hekk huwa kellu il-liberta kollha illi xtaq. L-attur kien ukoll mar vaganzi ir-Russja. L-attur xehed illi hu u il-konvenuta kienu jiddevertu flimkien u qatt ma bnew relazzjoni interpersonali bejniethom. L-attur kompla jixhed

illi xi sena u nofs wara illi kien beda ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, il-konvenuta bdiet tghidlu illi riedet tizzewweg. Minn naha tieghu l-attur kien qieghed jiddejjaq illi kien ikollu kull darba joqghod isiefer sabiex jiltaqa mal-konvenuta ir-Russja. L-attur, sabiex jehles minnha qalilha "meta jasal iz-zmien niddiskutu jekk nizzewgux jew le." Izda ftit gimghat wara qaltlu illi missierha ma kienx qieghed japprova li huma jghixu flimkien meta hi tigi Malta sa kemm ma jkunux mizzewga u qaltlu li jekk ma riedx jizzewigha ma kienitx ser tkompli tiltaqa mieghu. L-attur xehed illi huwa ma kienx lest illi jizzewweg izda hass illi ma kellux triq ohra, u b'hekk il-konvenuta ma kienitx titilqu u hu ma kienx ikollu joqghod isiefer iktar lejn ir-Russja. Fis-sajf ta' wara, omm il-konvenuta giet Malta u kienu omm il-konvenuta u il-konvenuta illi hadu hsieb il-preparazzjonijiet kollha taz-zwieg. Missier l-attur kien tah il-parir sabiex jiffirma ftehim qabel ma jizzewweg lill-konvenuta fil-kaz li jinqala xi haga u l-attur kien sema minn missieru. L-attur xehed illi ghall-ewwel tlett snin taz-zwieg l-affarijiet kienu sejrin mhux hazin, izda meta kien johrog mal-konvenuta kienet iggib il-hbieb taghha maghhom u kienu jiskru. Kull meta kien ikollhom x'jaqsmu flimkien, kienet tinsisti illi juza il-kontracettivi. L-attur xehed ukoll illi missier il-konvenuta kien jghaddilha il-flus u hi kienet tahlihom kollha u tonfoq ukoll flus l-istess attur fuq divertiment u xiri ta' hwejjeg u trattamenti ta' sbuhija. Kien jahbi il-flus id-dar u isibhom neqsin. Il-konvenuta kienet ukoll tonfoq il-flus kollha li kienet taqla hi minn xogholha. L-attur kompla jixhed illi kull meta kien isemmi illi xtaq ikollu it-tfal, il-konvenuta kienet tghidlu li mhux ghalissa ghaliex ma kienitx ghadha lesta li jkollha tfal. Fil-hames sena taz-zwieg il-konvenuta bdiet tinsisti mal-attur sabiex imur maghha biex tapplika ghall-passaport Malti. Meta l-attur staqsiha ghalfejn din il-pressjoni kollha biex ikollha il-passaport Malti, qaltlu "ghaliex issa ghaddew il-hames snin u irrid il-passaport Malti." L-attur beda jhoss illi kien gie ingannat u illi l-konvenuta kienet izzewgitu biss sabiex tottjeni passaport Malti. L-attur innota wkoll illi kif ghaddew il-hames snin minn meta kienu izzewgu, il-konvenuta biddlet l-atteggjament taghha kompletament, bdiet tohrog wahedha daqs li kieku kienet ghadha mhux mizzewga u

tirritorna id-dar fis-sakra u tard anke meta kien ikollha xoghol l-ghada. Bdew jiggieldu ta’ spiss u l-attur kien qieghed jara illi l-konvenuta, meta ma kienitx qeghda tigi torqod id-dar tipparkja l-vettura taghha barra ir-residenza ta’ certu Claude Paris. Hbieb tieghu kienu wkoll qeghdin jirrimmarkawlu illi kienu qeghdin jarawha spiss ma dan Claude Paris. Meta l-attur ra dawn l-affarijiet kollha, qal lill-konvenuta sabiex titlaq mid-dar. L-attur xehed illi ma kienx dispost jaghti aktar flus lill-konvenuta sabiex hi toqghod tohrog wahedha ma irgiel ohrajn, specjalment ma dan Claude Paris.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet omm l-attur T B, kif ukoll missier l-attur T B illi ikkonfermaw il-verzjoni tal-attur.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet l-istess konvenuta u qalet illi hija trabbiet b’valuri sodi Kristjani u illi ommha u missierha dejjem hadmu hafna sabiex hi u hutha ikunu jistghu jistudjaw. Skond il-konvenuta, darba minnhom l-attur kien iddecida illi jittermina ir-relazzjoni tieghu minn maghha. Wara sitt xhur hija bdiet tohrog ma xi haddiehor u sena wara rega’ kellimha l-attur u rega’ beda jikkomunika maghha. Kien talabha tmur Malta, izda hi kienet irrifjutat u qaltlu sabiex jitla hu ir-Russja u hu hekk ghamel. Il-konvenuta xehdet illi l-attur kien talabha biex tigi tghix Malta u huma imorru jghixu flimkien minghajr ma jizzewgu u hi ma kienitx ghogbitha l-ideja, anke minhabba il-genituri taghha. Missierha kien irrifjuta u qalilha illi jekk ma tizzewwigx lill-attur ma setghetx tghix mieghu Malta. Skond il-konvenuta, l-attur kien mar ir-Russja u kien ipproponilha biex tizzewgu u iffissaw id-data tat-tieg ghall-ahhar ta’ Awissu. Il-konvenuta xehdet illi ma kienitx kuntenta fil-flat fejn kien hadha tghix l-attur Bugibba u lanqas ma kienet kuntenta bl-atteggament tal-attur li ma kienx ikun irid johrog u kien jippreferi joqghod id-dar. Ghalhekk sena wara li izzewget fittxet impjieg full time. Sussegwentement l-attur kien xtara flat St Andrews. Il-konvenuta xehdet illi l-attur kien jargumenta maghha ta’

spiss dwar spejjez finanzjarji u kien jitlobha l-ircevuti ta' kull haga li kienet tixtri.  Hija xehdet ukoll illi ma kienx jghinha fix-xoghol tad-dar.  Hija xehdet illi l-attur kien jilmenta maghha ghaliex kienet tixtri il-hwejjeg u taghmel ukoll it-trattamenti tas-sbuhija, izda kien nefaq hafna flus biex xtara mountain bike u biex xtara boat. Il-konvenuta xehdet illi l-attur, meta kienet iggib xi hbieb jew familjari id-dar, kien jilmenta maghha dwar l-ispejjez u ma kienx ikun edukat maghhom.  Ghalhekk hija ma xtaqitx illi jkollha tfal minghandu.  Hija cahdet illi izzewget lill-attur sabiex tottjeni passaport Malti u qalet illi ghadha sallum minghajr ic-cittadinanza Maltija.  Hija xehdet illi wara li ghamlet minn kollox biex issalva iz-zwieg, izda ma irnexxilhiex, irrealizzat illi ma kellhiex iktar tama biex issalva iz-zwieg taghha u marret torqod fl-ispare bedroom u bdiet tfittex biex tikri flat.  Hija ammettiet illi hi u l-attur bdew jghixu hajja separata socjalment.  Sussegwentement kienet anke fittxet il-pariri ta' avukat.  Telqet u marret tghix f'appartament ghaliha.

Illi xehdu il-genituri tal-konvenuta illi ikkolloboraw ix-xiehda taghha.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel kawzali illi isemmi l-attur sabiex iz-zwieg tieghu jigi dikjarat null hija illi l-kunsens tieghu inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixxklet serjament il-hajja mizzewwga, ai termini tal-Artikolu 19(1)(c) tal-Kap. 255.

Illi l-Qorti rat illi l-attur qieghed jirreferi ghall-fatt illi, skond hu, il-konvenuta izzewgitu biss sabiex tottjeni passaport Malti.

Illi wara li ikkunsidrat il-fatt illi l-attrici effettivament ghadha sallum ma ottjenietx ic-cittadinanza Maltija, kif ukoll il-fatt illi l-attrici stess xehdet illi l-genituri taghha xtraw proprjeta f'Cipru u ghalhekk li kieku hija trid tista tapplika u jkollha cittandinza Maltija, il-Qorti ma tarax illi l-attur irnexxielu jipprova din il-kawzali.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-kawzali ta’ kunsens vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 il-Qorti rat illi l-attur irnexxielu jipprova illi kemm il-kunsens tieghu, kif ukoll tal-konvenuta, kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, izda mhux b’anomalija psikologika serja li kienet taghmilha impossibbli ghal xi hadd minnhom li jaqdi, jew taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghal dak illi jirrigwarda difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha, il-Qorti rat illi din il-kawzali hija kontemplata fl-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-Qrati taghna dejjem irritenew illi biex ikun hemm ikun hemm nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. (Vide sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Isabelle Zarb vs Stephen Attard deciza fil-21 ta’ Novembru, 1995.)

Illi ghalhekk b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi att ta’ immaturita, izda in-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju hu kuncett guridiku intinsikament marbut mal-kapacita ta’ parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens taghha liberu u xjenti ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti inkluz fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo deciza fis-26 ta’ Ottubru 2000, ikun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens tal-ewwel parti tal-paragrafu (d) tal-Artikolu 19 (1) kemm il-darba jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-

oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas, jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm l-inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

Illi l-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi appezzat mhux biss fl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cioe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom infushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, ghalhekk jinholoq id-dubju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu.

Illi in oltre il-kunsens irid ikun tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih tkun konxja tal-obbligi, id-dmijirijet u r-responsabbilitajiet li iggib maghha l-hajja mizzewga.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni taghhom fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem gew ritenuti bhala li huma s-segwenti :

*1.* L-obbligazzjoni ghall-att taz-zwieg bhala ghaqda bejn il-koppja u bazi ta' prokreazzjoni tqa' l-ulied.
*2.* L-obbligazzjoni tal-komunita tal-hajja u tal-imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel fiz-zwieg.
*3.* Il-mutual well-being, illi huwa maghqud ma ambjent li iwassal ghat-tnissil u edukazzjoni ta' l-ulied.
4. L-obbligazzjoni li jircievu u irabbu l-ulied fil-kuntest tal- komunita konjugali.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-attur ammetta fix-xiehda tieghu illi huwa ma riedx jizzewweg, izda izzewweg lill-konvenuta peress illi kien komdu maghha u ma xtaqx jitlifha, kif ukoll peress illi ma xtaqx joqghod tiela u niezel ir-Russja, kif ukoll minhabba illi hi qaltlu li jekk ried ikompli bir-relazzjoni maghha ried jizzewwigha ghaliex inkella missierha ma kienx ser ihalliha tghix mieghu Malta fuq bazi permanenti.

Illi effettivament irrizulta illi l-attur kien iktar interessat fix-xoghol tieghu u fil-hobbies tieghu u ma riedx verament jghid il-hajja mizzewga u dak kollu bid-dmirijiet u l-obbligazzjonijiet kollha li iggib maghha mal-konvenuta, izda kien iktar interessat li jkompli jghix il-hajja ta’ guvni li kien jghix qabel.

Illi da parti taghha il-konvenuta ukoll ma kienitx interessata la li jkollha tfal minghand l-attur u lanqas illi tghix il-hajja mizzewga bid-dmirijiet u bl-obbligazzjonijiet kollha li din iggib maghha. Irrizulta illi l-konvenuta kien aktar jinteressaha li tohrog u tiddeverti mal-hbieb taghha u illi tibqa tghix hajja ta’ mara mhux mizzewga u ma kienx jinteressaha li jkollha tfal u li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-attur ippremetta wkoll illi il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255.

Illi l-attur ikkontenda illi l-kunsens kien vizzjat b’simulazzjoni u il-Qorti f’dan ir-rigward rat l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta illi jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi fl-interpretazzjoni ta’ dan is-subartikolu, il-Qrati taghna dejjem ikkontendew illi l-esklussjoni posittiva ghaz-zwieg ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament, izda setghet tigi espressa bl-

imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens, u f’dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet Nicolai Balzan vs Simone Cremona deciza fid-9 ta Marzu 2000.

Illi l-Qorti rat mill-provi prodotti illi gie ippruvat illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat peress illi kien hemm simulazzjoni totali miz-zewg partijiet u cioe’ eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu.

Illi fil-kawza fl-ismijiet Bonnici vs Bonnici deciza minn din il-Qorti fit-30 ta’ Lulju 1982, il-Qorti kienet qalet li biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi oppruvat il-‘finis operis’ taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi ghar-rigward ta’ simulazzjoni parzjali u cioe’ l-eskluzjoni pozittiva ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qrati taghna dejjem irritenew li l-element essenzjali taz-zwieg jikkonsistu fil-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghal fedelta u id-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied fost ohrajn. (Vide sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Grech vs Grech deciza fid- 9 ta’ Ottubru, 1990.)

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-‘consortium vitae’ tikkomprendi zewg elementi u cioe’ l-imhabba konjugali u r-responsabilita’ tal-familja. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha moghtija fil-kawza fl-ismijiet Magri vs Magri deciza fl-14 ta’ Lulju 1994 “jekk din il-consortium vitae hija nieqsa l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-consortium vitae tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta tal-familja”.

Illi fil-fatt l-element tal-indissolubbilta’ taz-zwieg jehtieq li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi ‘iuris tantum’ dan l-element ta’ indissolubbilta fiz-zwieg.

Illi fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Galea vs Walshi moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta’ Marzu 1995, il-Qorti spjegat  xi tfisser li jkun hemm eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu bhala meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern illi jkun inghata.
Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet Muscat vs Borg Grech moghtija minn din il-Qorti fl-14 ta’ Awissu, 1995, il-Qorti spjegat il-kuncett ta’ simulazzjoni b’dawn il-kliem :
“Ghal min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b’att pozittiv tal-volonta’ tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg, ikun qed jissimula il-kunsens tieghu.”

Illi l-Qorti rat illi fil-kaz odjern l-attur irnexxielu jipprova din il-kawzali peress illi kif diga intqal kemm hu u kif ukoll il-konvenuta kien aktar jinteressahom li jibqghu jghixu il-hajja li kienu jghixu qabel ma izzewgu.

Illi irrizulta li huma izzewgu biss ghall-konvenjenza.  Il-konvenuta kienet togghobha Malta u il-‘life style’ illi kellha Malta u l-attur kien mohhu biss biex imur ix-xoghol u jiffinanzja il-‘hobbies’ tieghu u il-Qorti rat illi irrizulta illi kemm l-attur u kif ukoll il-konvenuta la riedu tfal, la riedu jibnu komunjoni ta’ hajja mizzewga flimkien u lanqas illi jaqdu id-doveri u l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara  iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti bhala null u bla effett ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet; Bl-ispejjez jithallsu ugwalment bejn l-attur u il-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------